MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2006

Appell Kriminali Numru. 66/2006

**Il-Pulizija**

***Versus***

**Addie Magri**

L-appellant Addie Magri kien mixli mill-Pulizija Eżekuttiva talli f'dawn il-Gżejjer fil-proċeduri kriminali **il-Pulizija vs Jason Dalton** fis-seduti tat-2 ta' Marzu 2001, tad-19 ta' Ġunju 2001 u tal-21 ta' Ġunju 2001:
1) ta xhieda falza dwar delitt suġġett għal piena akbar mill-piena ta' priġunerija ghal zmien sentejn, sew kontra kemm favur il-persuna akkużata; u
2) ħalef falz quddiem Magistrat;
Kien mixli wkoll talli f'dawn il-Gżejjer fid-29 ta' Ġunju 2002 u matul l-aħħar ġranet:
3) kellu fil-pussess tiegħu ir-raża meħuda mill-pjanta *cannabis*; u

4) sar reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta fid-19 ta' Novembru 1999.

B'sentenza tat-23 ta' Frar 2006 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lill-appellant Addie Magri ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u ikkundannatu għal terminu ta' priġunerija ta' tliet snin, u interdiċietu b'mod ġenerali kif ukoll milli jservi bħala xhud, ħlief quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja, u bħala perit għal ħames snin.

Addie Magri appella minn din is-sentenza b'rikors tas-7 ta' Marzu 2006 li bih talab li din il-qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha fejn sabet ħtija taħt l-art. 8(*a*) tat-Taqsima VI tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artt. 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, tħassarha fejn sabitu ħati taħt l-art. 104 u 108 tal-Kodiċi Kriminali, u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija misjuba taht l-artt. 104 u 108 tal-Kodiċi Kriminali. Talab ukoll illi, jekk din il-qorti tikkonferma s-sentenza appellata, tagħti piena aktar ġusta u li tixraq għall-każ.

Fis-seduta tas-26 t'April 2006 il-prosekuzzjoni u l-appellant qablu illi, ladarba tinstab ħtija taħt l-art. 104 tal-Kodiċi Kriminali, ma tistax tinstab ħtija wkoll taħt l-art. 108. Il-meritu ta' dan l-appell, għalhekk, huwa jekk l-appellant huwiex ħati taħt l-art. 104 tal-Kodiċi Kriminali.

**104.** (1) Kull min jagħti xiehda falza fi proċeduri kriminali dwar delitt suġġett għall-piena akbar mill-piena ta' priġunerija għal żmien sentejn, sew kontra kemm favur il-persuna imputata jew akkużata, jeħel, meta jinsab ħati, minn sentejn sa ħames snin priġunerija.

Il-fatti safejn huma relevanti għall-appell tallum seħħew hekk:

L-appellant Magri kien mixli fi proċeduri oħra (mhux dawk tallum) bi traffikar u pussess ta' l-eroina. Kien ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu u kien ukoll xehed illi d-droga kien kisibha mingħand ċertu Jason Dalton. Fis-sentenza mogħtija fid-19 ta' Novembru 1999 il-qorti sabet lil Magri ħati iżda tatu l-benefiċċju tat-tnaqqis tal-piena billi, kif igħid l-art. 29 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi [Kap. 101], kien għen lill-pulizija biex taqbad lill-persuna li kienet ipprovdietlu d-droga.

Fuq it-tagħrif li kien taha Magri — tagħrif li bis-saħħa tiegħu, kif rajna, Magri ħa l-benefiċċju tat-tnaqqis tal-piena

— il-pulizija mexxiet kontra Jason Dalton, u ressqet bħala xhud ewlieni tagħha lil Magri. Magri ttella' biex jixhed tliet darbiet — fit-2 ta' Marzu, fid-19 ta' Ġunju u fil-21 ta' Ġunju ta' l-2001 — u nqratlu x-xhieda li kien taha fil-proċeduri li kienu ttieħdu kontra tiegħu, meta kien semma lil Dalton bħala dak li mingħandu kien kiseb id-droga. Meta kien mistoqsi jekk jikkonfermax dak li kien xehed, Magri kull darba wieġeb li ma jiftakarx. Fid-drabi li xehed, meta kien mistoqsi jekk kienx Dalton li tah id-droga, Magri baqa' jgħid illi ma jiftakarx.

Fid-dawl tax-xhieda li ta Magri, il-qorti kienet tal-fehma illi "mill-provi ma irriżultax provat mingħajr dubju dettat mir-raġuni li l-persuna li Eddie Magri kien semma fl-istqarrija u fid-depożizzjoni tiegħu fil-fatt huwa Jason Dalton l-imputat", u għalhekk fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2002 fl-ismijiet Il-Pulizija *versus* Jason Dalton ma sabitx lil Dalton ħati ta' l-akkużi miġjuba kontrieħ u illiberatu. Fl-istess sentenza l-qorti kompliet tgħid illi billi "jeżisti suspett fondat u raġonevoli li x-xhieda mogħtija minn Addie *sive* Eddie Magri … … … quddiem din il-qorti fit-2 ta' Marzu, fid-19 ta' Ġunju u fil-21 ta' Ġunju tas-sena 2001 fil-kawża odjerna [*i.e.* fil-kawża kontra Dalton], hija prova falza fit-termini ta' l-artikolu 523 tal-Kap. 9, din il-qorti tordna li l-imsemmi Addie Magri jiġi arrestat u jitressaq quddiem il-qorti tal-Maġistrati sabiex jirrispondi għar-reat ta' sperġur kontemplat fl-artikolu 104 tal-Kap. 9".

Imbagħad inbdew il-proċeduri tallum.

Fis-sentenza mogħtija fil-23 ta' Frar 2006 il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet illi l-appellant kien qiegħed jixhed il-falz meta, fil-proċeduri kontra Dalton, xehed illi ma jiftakarx, u għalhekk sabet lill-appellant ħati *inter alia* taħt l-art. 104 tal-Kodiċi Kriminali.

L-aggravji ta' l-appellant, safejn huma relevanti għas-sejbien ta' ħtija taħt l-art. 104, huma (1) illi meta qal li ma jiftakarx ma hemmx l-elementi ta' sperġur u (2) illi l-piena hija ħarxa żżejjed.

Tassew illi xhud ma huwiex obbligat li bilfors jiftakar, u għalhekk ma jkunx qiegħed jonqos jew jixhed il-falz meta tassew ma jiftakarx u jgħid illi ma jiftakarx: anzi, hekk għandu jagħmel. Ikun iżda qiegħed jagħti xhieda falza meta għalkemm jiftakar igħid li ma jiftakarx.

Din il-qorti, bħall-ewwel qorti, hija konvinta illi l-appellant inqeda bl-iskuża li ma jiftakarx biex, għar-raġunijiet tiegħu, jaħrab mill-mistoqsijiet u mhux għax tassew ma ftakarx. Kemm-il darba qal il-kliem "ma niftakarx" bħallikieku xi ritornell, jew xi tarka li jinħeba warajha, b'mod li mhux biss ma jserraħlekx moħħok illi tassew ma jiftakarx iżda anzi li jikkonvinċik li qiegħed biss jevadi l-mistoqsijiet.
Dan l-aggravju għalhekk huwa manifestament infondat.
Ngħaddu issa biex inqisu l-piena.
L-ewwel qorti sabet lill-appellant ħati taħt l-art. 104 tal-Kap. 9, li jġib piena minn sentejn sa ħames snin priġunerija, u taħt l-art. 108 tal-Kap. 9, li jġib piena minn erba' xhur sa sena priġunerija, sabet li kien reċidiv taħt l-artt. 49 u 50 tal-Kap. 9, u għalhekk il-piena setgħet tikber bi grad wieħed, u sabitu ħati wkoll taħt l-art. 8(*a*) tal-Kap. 101, li jġib piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tliet xhur iżda mhux iżjed minn tnax-il xahar jew multa ta' mhux inqas minn mitejn lira iżda mhux iżjed minn elf lira jew dik il-priġunerija u multa flimkien. Meta tqis ir-regoli tal-konkors tar-reati u pieni jiġi illi l-appellant kellu jingħata piena ta' priġunerija minn tliet snin sa disa' snin, u l-ewwel qorti għalhekk meta ikkundannatu għal priġunerija ta' tliet snin tat l-inqas piena li setgħet tagħti.
Rajna iżda illi l-appellant ma kellux jinstab ħati taħt l-art. 108, u għalhekk, taħt ir-reġoli msemmija fuq, seta' jingħata piena ta' priġunerija minn tliet snin sa sitt snin. L-anqas piena ta' priġunerija tibqa' dik ta' tliet snin. Ma ntweriet u ma hemm ebda raġuni għala fil-każ tallum għandha tingħata piena anqas mill-minimu; madankollu huwa xieraq illi l-piena mogħtija mill-ewwel qorti tonqos biex tirrefletti l-fatt illi l-appellant instab ħati ħażin taħt l-art. 108 tal-Kap. 9, u għalhekk din il-qorti sejra tnaqqas il-piena b'xahar.
Il-qorti għalhekk tiddisponi mill-appella billi tirriforma s-sentenza appellata: tħassarha fejn sabet lill-appellant ħati taħt l-art. 108 tal-Kap. 9 u twettaqha fejn sabitu ħati ta' l-imputazzjonijiet l-oħrajn kollha miġjuba kontra tiegħu u fejn sabet ukoll li kien reċidiv; tirriforma l-piena billi tikkundanna lill-appellant għal priġunerija ta' sentejn u ħdax-il xahar, u twettaq is-sentenza appellata fejn interdiċiet lill-appellant taħt l-art. 109 tal-Kap. 12 milli jservi bħala xhud, ħlief quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja, u bħala

perit, għal ħames snin, u fejn ordnat il-konfiska u l-qerda tad-droga esebita.
Tordna wkoll illi tintbagħat kopja ta’ din is-sentenza lill-ewwel qorti kif irid l-art. 428(8) tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------